MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Appell Civili Numru. 453/2005/1

**Middlesea Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Mark Tabone abbazi tal-ligi u tal-polza ta' l-assigurazzjoni**

**vs**

**Joseph Zaffarese**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta' Jannar, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz fuq indikat datat it-3 t' Awissu tas-sena 2005 li permezz tieghu s-socjeta` attrici sejhet lill-konvenut fuq indikat quddiemha sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas is-somma ta' elf seba' mija disgha u disghin Lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu, (LM1,799.55,0), rapprezentanti danni sofferti mill-atturi bhala rizultat ta' incident illi sehh fid-29 t'Awissu tas-sena 2003, meta l-konvenut kien qieghed jahdem fuq id-dghajsa tal-assigurat tal-atturi Mark Tabone f'*garage* u l-imsemmija dghajsa hadet in-nar, liema incident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, imperizja u negligenza da parti ta' l-istess konvenut;

2. Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mal-prezenti kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-19 t'Ottubru tas-sena 2005, li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi, minghajr pregudizzju, mhuwiex minnu li l-imsemmi incident gie kkawzat ghal ragunijiet attribwibbli ghall-esponent;

2. Illi, dejjem minghajr pregudizzju, l-esponent mhux talli mhux hati ta' traskuragni, imperizja u negligenza talli kif ser jidher mill-provi huwa uza attenzjoni u mexxa skond prattici tajba tax-xoghol;

3. Illi t-talbiet tas-socejta` rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici;

4. Illi s-somma li qieghda tigi mitluba mis-socjeta` attrici hija wahda esagerata u eccessiva u ghalhekk l-esponenti qieghed jikkontestaha;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet lir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici li ddikjara li qed jistrieh fuq il-fatti kif esposti u lir-rapprezentant legali tal-konvenut li tratta l-kaz;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi Mark Tabone kien il-proprjetarju ta' *"speedboat"* tal-marka "Glastron" bin-numru ta' registrazzjoni S-13009, li kienet assikurata b'mod komprensiv mas-socjeta` attrici;

2. Illi l-imsemmija *"speedboat"* kienet involuta f'incident u ttiehdet ghand il-konvenut biex jaffettwa t-tiswijiet necessarji;

3. Illi meta l-imsemmija *"speedboat"* kienet fil-"*garage"* tal-konvenut, u allura taht il-kustodja tieghu, dan il-*"garage"* garrab hruq fid-29 t'Awissu tas-sena 2003 u li *"speedboat"* de quo soffriet hsarat vigenti;

4. Illi skond is-*"surveyor"* tas-socjeta` attrici jirrizulta li l-hruq in dizamina sehh minhabba prattici hziena tax-xoghol fejn kien hemm ammont eccessiv ta' "*petrol vapour"* fl-atmosfera fejn kienet qed tigi mizmuma li *"speedboat"* in dizamina u li per konsegwenza sehh in-nar li kkawza l-hsarat de quo;

5. Illi a bazi ta' l-imsemmi rapport, is-socjeta` attrici ghamlet tajjeb ghall-ammont involut u giet debitament surrogata fid-drittijiet tas-sid, (ara fol 22);

6. Illi stante li l-konvenut irrifjuta li jirrisarcixxi lis-socjeta` attrici hekk debitament surrogata, din ma kellha l-ebda alternattiva hlief li tipprocedi bil-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi l-posizzjoni tal-konvenut tista' tigi debitament sintetizzata bil-mod segwenti:

1. Illi hu minnu li kellu li *"speedboat"* de quo fil-*"garage"* tieghu biex isewwiha;

2. Illi meta ezamina d-dghajsa de quo sab x'kien id-difett u beda jiehu passi biex jirrimedjah, (ara fol 47);

3. Illi meta l-konvenut wasslulu li "spare parts" rikjesti beda jarma l-magna mill-gdid u kif qabbad is-*"safe starter"* "telghu ilsna tan-nar…";

4. Illi "*fire-extinguisher*" fid-dghajsa ma kienx hemm u gab iehor mill-vann personali tieghu;

Ikkunsidrat:

Illi s-segwenti ghandhom ikunu pacifici:

i. Illi d-dghajsa de quo kellha xi hsarat;

ii. Illi giet mghoddija lill-konvenut biex isewwiha;

iii. Illi issa hu kien responsabbli ghall-inkolumita` taghha;

iv. Illi n-nar qabad meta kien l-istess konvenut li kien qed jahdem fuqha;

v. Illi l-analizi ta' l-espert, ghalkemm *ex parte* u din il-qorti mhix marbuta bil-konkluzzjonijiet tieghu, xorta wahda tiddikjara li dawn ma gewx konfutati jew kontradetti mill-analizi tal-konvenut;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-premess dini l-qorti tiddikjara li qed tistrieh fuq l-analisi tal-perit tekniku *ex parte* fuq riferit, u qed tiskarta l-analizi tal-konvenut;

Ghaldaqstant, din il-qorti, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut Zaffarese, takkolji t-talbiet tas-socjeta` attrici u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-konvenut Joseph Zaffarese hu unikament responsabbli ghall-incident li sehh fid-29 t'Awissu tas-sena 2003, meta waqt li hu kien qed jahdem fuq id-dghajsa ta' l-assikurat Mark Tabone, din hadet in-nar, u dan, bi traskuragni, imperizja u b'negligenza ta' l-istess konvenut;

2. Tiddikjara li l-hsara kommessa tammonta ghall-ammont mitlub mis-socjeta` attrici fl-avviz promotur;

3. Tiddikjara li l-konvenut Joseph Zaffarese jhallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta' elf, seba' mija, disgha u disghin Lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (LM1,799.55,0) ekwivalenti ghal erbat elef mija u wiehed u disghin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€4191.82);

4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi."

Il-konvenut appella minn din is-sentenza b'dawn l-aggravji:-

(1) L-ewwel Qorti qaghdet ghal kollox fuq l-analisi tal-perit tekniku *ex parte* u injorat ix-xhieda tieghu li kkontradicietha;

(2) Is-socjeta` attrici naqset milli tipprova illi kien hemm traskuragni, imperizja u negligenza da parti tieghu;

Il-fatti sostanzjali li taw lok ghal kawza quddiem l-ewwel Qorti ma jidhrux li huma kkontestati. Il-konvenut gie fil-veste tieghu ta' mekkanik kommissjonat minn Mark Tabone, sid l-i*speedboat* Numru ta' Registrazzjoni S-13009, biex jaghmel xoghol ta' riparazzjonijiet fuqha. Meta xehed (fol. 47) il-konvenut jghid li l-ewwel haga li ghamel fuq il-magna tal-*boat* kien li jaqla s-*cylinder head* u l-korburatur. Ordna xi *spare parts* u meta dawn gew wara xi tliet gimghat beda jarma s-*cylinder head*, tefa' l-kurrent ta' l-i*sparking plug* u dawwar il-makna biex jissettja l-*valves*. Meta applika s-*safe starter* telghu bhal ilsna tan-nar minn erba' pajpijiet minn fejn tingibed l-arja mill-*air compartment*. Meta rega' xehed f' okkazjoni ohra (fol. 74) il-konvenut jghid illi fil-kors tax-xohgol kien ghalaq l-i*stop cock*, il-*fuel pipe* u l-*main switch* pero` ma kienx battal it-tank tal-*fuel* ghax dan ma setax isir. Da parti taghha s-socjeta` assiguratrici attrici esebit rapport ta' l-Inginjier Paul Cardona (fol. 25) fejn fih iddetermina illi "*the damage has been caused as a result of improper work practices*". Kemm f'dan l-istess rapport, kif ukoll fix-xhieda tieghu (fol. 37) l-imsemmi Inginjier Cardona jikkonferma illi fuq il-konstatazzjonijiet u l-opinjoni tieghu li gara kien illi d-dghajsa thalliet maghluqa f'garaxx, kien hemm kumulu ta' dhahen invizibbli u meta giet startjata l-magna gie kawzat "*flash fire*" li kkawza d-dannu;

L-ewwel Qorti rrikonoxxiet bhala aktar konvincenti l-affermazzjoni ta' l-espert tekniku fuq ir-rakkont tal-konvenut u ghaddiet biex fis-sentenza taghha taderixxi ruhha ma' l-opinjoni ta' l-espert. Bl-appell tieghu l-konvenut jikkontesta l-assens tal-Qorti ghal dik l-opinjoni *ex parte* u jikkontendi illi din, invece, ma kellhiex tkun hekk kondivizibbli ghaliex hu adopera l-prekawzjonijiet kollha necessarji u bid-diligenza dovuta;

L-ewwel osservazzjoni li trid taghmel din il-Qorti hi din. Ibda biex, ma kien hemm xejn fil-ligi illi jzomm lill-Qorti milli tadotta rapport ta' perit *ex parte*. Anzi, il-kuntrarju hu

l-kaz, kif johrog car mid-dispost ta’ l-Artikolu 563A tal-Kodici ritwali (Kapitolu 12). Dik l-opinjoni kienet ammissibbli u wkoll accettabbli bhala fonti oggettiva ta’ prova una volta l-Qorti ma jkunx dehrilha li ghandha tiskartaha bhala li tmur kontra l-konvinzjonijiet taghha (Artikolu 681, Kapitolu 12). Huwa veru illi dik l-opinjoni spiss drabi tkun bazata fuq konsiderazzjoni ta’ diskrezzjonalita` teknika izda dan ma jfisserx illi m’ghandhiex ukoll titqies rilevanti meta c-cirkustanzi jissuggerixxu illi l-istess tikkostitwixxi accertament ta’ fatt rilevabbli in bazi ghall-konoxxenza teknika determinanti. Dan aktar u aktar fejn, bhal f’dan il-kaz, il-Qorti tkun tal-fehma illi d-deduzzjonijiet kontrarji tal-konvenut ma jkunux tali li jikkontrastaw ruhhom ghal dik l-istess opinjoni;

Premess dan, it-tieni osservazzjoni li trid issir hi s-segwenti. Hi disposizzjoni espressa tal-ligi taht il-Kodici Civili illi jitqies fi htija min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta’ missier tajjeb tal-familja [Artikolu 1032 (1)]. Hu spjegat mill-awturi illi “*negligenza, infatti, altro non è se non assenza di diligenza, imprudenza è intesa come assenza di cautele; imperizia, come assenza di competenza professionale o come assenza di avvertenze*”. Ara **Alpa** “**La responsabilita` civile**”, Trattato di diritto civile, Milano 1999 p 261 u **Franzoni** “**Le obbligazioni da fatto illecito**”, Ed. Utet, 2004, p 42. Markatament, sew jekk si tratta minn rapport kontrattwali (ara Artikolu 1132 Kodici Civili) kif ukoll dak extra-kontrattwali [Artikolu 1032 (1) predett] id-dover tad-diligenza huwa marbut mal-kriterju tal-missier tajjeb tal-familja u dan jissinjifika illi hi imputabbli wkoll l-imgieba ommissiva f’min jonqos li jadotta mizuri ta’ kawtela u ta’ prudenza ghal fini li jkun evitat event dannuz lill-hwejjeg haddiehor. Kif jinsab ritenut, “*quando invece si ha la violazione di un dovere, ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto.*” (“**Pubblio Azzopardi -vs- Antonio Arcicovich *et***”, Appell Civili, 14 ta’ Novembru,

1919. Linejarment ma' dan il-hsieb relattiv ghat-trasgressjoni tad-dover huma certi osservazzjonijiet fis-sentenza fl-ismijiet "**Emmanuele Cassar -vs- Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier *nomine et***", 26 ta' Jannar, 1962 u s-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta fil-kaz fl-ismijiet "**Falcotrans Limited -vs- The Cargo Handling Company Limited *et***", 9 ta' Mejju, 2007;

Skond il-fattispeci tal-kaz prezenti l-espert tekniku *ex parte* stabilixxa, kif gja osservat, illi l-kawza prossima u immedjata ta' l-event ta' dannu kienet attribwibbli ghall-okkorrenza specifika illi, u apparti l-malaprassi, il-konvenut ma hax kura bizzejjed biex jassikura illi l-kondizzjonijet ambjentali li fihom kien qed jippresta l-hidma tieghu kienu idoneji biex jiskonguraw qaghda ta' perikolu, ghalih innifsu, u ghall-ahjar harsien tad-dghajsa ta' l-assigurat tal-kumpanija attrici. Hija din l-ommissjoni tal-kondotta tieghu, hekk provata mis-socjeta` attrici appellata bis-sahha tal-perizja ta' l-espert nominat minnha, li nisslet ir-responsabilita` tieghu ghal dik tal-previzjoni tal-ligi fl-Artikolu 1032 (1) predett tal-Kodici Civili. L-appellanti jinsisti illi hu ma kienx imprudenti u lanqas negligenti ghaliex il-qaghda ma setghetx kienet kif deskritta mill-espert. Minn naha l-ohra ma jispjegax il-kagun tan-nar. Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi hu kellu l-inkarigu tax-xoghol u hu wkoll kellu l-obbligu li jassikura li l-attivita` tieghu tigi kondotta sew u skond l-arti konnessa ghal kompetenza tieghu ta' mekkanik. Evidentement, jekk kif ritenut minnu huwa ha l-prekawzjonijiet li jissemmew fl-esposizzjoni tal-fatti, dawn l-istess prekawzjonijiet kienu ghal kollox inadegwati u inutili ghaliex l-event tal-hsara xorta wahda sehh u hu lanqas ma ddefenda ruhu, la fuq il-bazi ta' l-Artikolu 1029 u lanqas ta' l-Artikolu 1134 tal-Kodici Civili riferibilment ghall-accident jew il-kaz fortuwitu, anke jekk dawn mhux necessarjament kienu jehilsuh mir-responsabilita` jekk ikun jinstab li dawn kienu preceduti minn htija kommissiva jew ommissiva tieghu. Ara "**Vittorio Ciantar -vs- Saverio Gatt**", Appell Inferjuri, 15 ta' Mejju, 1926.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-konvenut appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------